MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tal-15 ta' April, 2004

Talba Numru. 1284/2002/1

**GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera CGU Insurance plc (Msida Road, Gzira GZR 03) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Robert Zammit u l-istess Robert Zammit u b'nota prezentata fis-27 ta' Mejju 2003 is-socjeta' GasanMamo Insurance Ltd asumiet l-atti minflok GasanMamo Insurance Agency Limited u din in rapprezentanza tas-socjeta' estera CGU Insurance plc**

**Vs**

**Nicholas Mallia**

It-Tribunal,
Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' Mejju 2002 fejn is-socjeta' attrici talbet sabiex il-konvenut jhallas l-ammont ta' Lm407.45 (erbgha mija u sebgha liri Maltin u hamsa u erbghin centezmu) rapprezentanti ta' danni sofferti wara incident awtomobilistiku f'G'Mangia.

Fl-avviz tat-talba intqal:-
Il-konvenut huwa debitur tal-atturi fis-somma ta’ erbgha mija u sebgha liri Maltin u hamsa u erbghin centezmi (Lm407.45) u dana in kwantu ghas-somma ta’ Lm332.45 lis-socjeta’ attrici assikuratrici u Lm75.00 lill-attur Robert Zammit, rapprezentanti danni li sofrew meta l-konvenut waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru BAB 321 fil-5 ta’ Marzu 2001 gewwa G’Mangia habat mall-vettura numru DBG 453 propjeta ta’ Robert Zammit u ikkaguna danni f’din l-istess vettura. Dan l-incident huwa ghalih unikament responsabbli l-konvenut stante li s-sewqan tieghu kien wiehed negligenti u traskurat.

Bl-ispejjez, komprisi dawk ta’ l-Ittra Legali datata 4 ta’ Mejju 2001 kontra il-konvenut u tal-Ittra Ufficjali ohra ippresentata kontestwalment ma’ dan l-Avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut bl-imghax kontra l-istess konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad li:-
Illi t-talbiet attrici kif diretti kontra l-ecipjenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi billi l-incident in kwistjoni ma sarx b’tort tal-eccipjenti, pero` b’tort tas-sewwieq tal-vettura DBG 453, u cioe Josette Zammit; u dan kif jigi pruvat waqt it-trattazjoni tal-kawza.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Sema’ x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:-
Illi l-ambjent fejn issuccieda l-incident huwa ferm ottimali ghal pendenzi simili. Huwa r-roundabout ezattament ta’ quddiem l-isptar fejn jiltaqghu gemghat ta’ nies u minni xejn sorpendenti ta’ vetturi. Huwa post ferm perikoluz billi huwa centralizzat b’direzzjonijiet varji u dhul u hrug ghall-isptar.

Mhux post konsiljabbli ghal manuvra ta’ sorpass. Anke l-Highway Code telimina postijiet simili. Huwa ambjent ferm partikolari minhabba in-natura tieghu.

Is-sewqan irid isir bl-akbar galbu attenzjoni u diligenza. Il-prudenza hija massima. Aktar u aktar meta il-konvenut kien qed isuq trakk bl-iskop goff u gholi minghajr vizwali ampja tan-naha tax-xellug. It-trakk qatt ma kien qabilha. Ipprova jaqghlaha fuq il-lemin minghajr indikazzjoni ta’ xejn. Il-vettura ta’ l-attur kellha sinjal jixghel li trid iddur fuq in-naha li kien qed jissorpassa l-konvenut. Il-manuvra ta’ sorpass hija manuvra ferm eccezzjonali li trid tigi adoperata rigorosament. L-Art 181, 182 u 183 tal-Kodici tat-Triq jistipulaw fejn u kif issir din il-manuvra.

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-versjoni moghtija minn xhieda tal-atturi hija aktar vero simili minn dik moghtija mill-konvenut. La kienet qed tipparkja u wisq anqas gejja bir-rivers – kif del resto gie allegat!

Illi l-atturi in sostenn tad-danni minnhom kagunati, ipproducew il-fatturi opportuni li ma gewx kontestati, u ghalhekk qed jigu akkolti.

Jiddeciedi billi jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa’ it-talbiet attrici u jikkundanna lil konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta’ tlett mija tnejn u tletin lira Maltin u hamsa u erbghin centezmu (Lm332.45) lis-socjeta’ attrici u hamsa u sebghin lira Maltin (Lm75) lil attur Robert Zammit, bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------